DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2017/2106

tal-10 ta' Novembru 2017

li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine) (EUAM UKRAINE/2/2017)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/486/PESK tat-22 ta' Lulju 2014 dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1) tagħha,

Billi:

(1) Skont id-Deċiżjoni 2014/486/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat, li jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti sabiex jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-EUAM Ukraine, inkluża d-deċiżjoni li jinħatar Kap tal-Missjoni.

(2) Fis-7 ta' Jannar 2016 il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/49 ([2]), li taħtar lis-Sur Kęstutis LANČINSKAS bħala Kap tal-Missjoni ta' EUAM Ukraine mill-1 ta' Frar 2016 sal-31 ta' Jannar 2017.

(3) Fl-10 ta' Jannar 2017, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2017/113 ([3]), li testendi l-mandat tas-Sur Kęstutis LANČINSKAS bħala Kap tal-Missjoni ta' EUAM Ukraine mill-1 ta' Frar 2017 sat-30 ta' Novembru 2017.

(4) Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ppropona l-estensjoni tal-mandat tas-Sur Kęstutis LANČINSKAS bħala Kap tal-Missjoni ta' EUAM Ukraine mill-1 ta' Diċembru 2017 sat-30 ta' Novembru 2018,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-mandat tas-Sur Kęstutis LANČINSKAS bħala Kap tal-EUAM Ukraine huwa b'dan estiż sat-30 ta' Novembru 2018.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Novembru 2017.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà
Il-President
W. STEVENS

([1]) ĠU L 217, 23.7.2014, p. 42.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2016/49 tas-7 ta' Jannar 2016 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine) (EUAM UKRAINE/1/2016) (ĠU L 12, 19.1.2016, p. 47).
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2017/113 tal-10 ta' Jannar 2017 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine) (EUAM UKRAINE/1/2017) (ĠU L 18, 24.1.2017, p. 48).